KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi
B'Urġenza

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 469 (9-12) b'urġenza

It-Tnejn 24 ta' Frar 2025 fl-4.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Julian Borg
Il-Viċi Sindku Ryan Cachia
Il-Kunsillier Christopher Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia
Il-Kunsillier Charles Vassallo

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Dominic Grech
Il-Kunsillier Albert Pace

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Julian Borg ippreseda l-laqgħa.

### Approvazzjoni ta' Rapporti Finanzjarji

### 468.1 Q4 Ottubru – Diċembru 2024

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjega tar-rapport li jkopri l-aħħar kwart tas-sena. Hi qalet li l-iżbilanċ li kien hemm fl-aħħar rapporti ġie rkuprat u dan il-kwart ingħalaq b'bilanċ pożittiv. Is-Sindku propona l-approvazzjoni tar-rapport kif preżentat. Il-Viċi Sindku issekonda. Ir-rapport ġie approvat unanimament.

### 468.2 Unaudited Accounts – Rapport tas-Sena 2024

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjega in ġenerali tar-rapport u qalet li s-sena finanzjarja ingħalqet b'bilanċ pożittiv. Hija qalet li grazzi għad-diversi skemi finanzjarji li l-kunsill applika għalihom b'suċċess, il-Kunsill seta' jopera u jikkommetti fuq diversi proġetti u jagħlaq b'bilanċ. Kien hemm diversi mistoqsijiet mill-Kunsilliera li ġew kjarifikati. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li iktar tard f'Marzu ser jibda l-awditjar tas-sena finanzjarja 2024. Is-Sindku ippropona l-approvazzjoni tar-rapport kif preżentat. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsill unanimament approva.

Il-laqgħa intemmet fil-5.10 pm.

Konfermati, illum 10 ta' Marzu 2025.

| | |
|---|---|
| Julian Borg | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |